MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1208/1999/1

**VALLETTA ALUMINIUM WROUGHT IRON WORK LIMITED**

vs

Carmen **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Mejju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundanna lill-imħarrka tħallasha s-somma ta' elf u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm 1,075)[1], li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol talħadid lilha konsenjat fuq inkarigu tagħha. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-23 ta' Ġunju, 1999[2], li biha laqgħet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-imħarrka;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001[3], li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin laqgħet l-appell imressaq mill-imħarrka u ħassret is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju, 1999;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Ottubru, 2001, li bih tat lill-imħarrka żmien biex tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka fil-25 ta' Ottubru, 2001, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li x-xogħlijiet li dwarhom il-kumpannija attriċi tippretendi l-ħlas la saru sewwa kif jitolbu s-sengħa u l-arti, la saru kollha, u lanqas jistħoqqilhom il-ħlas mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Diċembru, 2001[4] li bih ħatret lill-Perit Arkitett Godwin P. Abela bħala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talba u l-eċċezzjonijiet;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit Tekniku fit-30 ta' Marzu, 2005[5] u minnu maħluf waqt is-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2005;

---

[1] Li jġibu € 2,504.08 fi flus tal-lum
[2] Paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 46 sa 54 tal-proċess
[4] Paġ. 63 tal-proċess
[5] Paġġ. 74 sa 82 tal-proċess

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrka waqt is-smigħ tat-12 ta' Ottubru, 2005[6], li biha qalet li hija kienet toqgħod fuq il-fehmiet tal-perit tekniku;

Rat il-verbali tas-seduti ta' wara li fihom, filwaqt li l-kumpannija attriċi talbet żmien biex tirregola ruħha fuq il-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport peritali, l-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jittransiġu l-kwestjoni bonarjament barra l-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2007[7], li biha għarraf lill-Qorti li l-partijiet ma kinux waslu fi ftehim bonarju;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Marzu, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' xogħol appaltat. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrka kienet qabbditha tagħmlilha xi xogħol ta' ħadid għad-dar tagħha u baqgħet ma ħallsitux. Billi l-ħlas ma sarx kollu, fittxitha għalih;

IIlli għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet billi qalet li s-somma mitluba m'hijiex dovuta u dan għaliex ix-xogħol ma sarx kif titlob is-sengħa u l-ħila, ma sarx kulma ntalab isir, u, fuq kollox, hija kienet diġa' ħallset somma sostanzjali u żgur ma kienx fadlilha tħallas daqs kemm mitlub mill-kumpannija attriċi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li, għall-ħabta ta' Settembru tal-1997, il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "VAWI") tqabbdet minn żewġ dekoraturi li kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' tisbiħ f'ħanut tal-

---

[6] Paġ. 126 tal-proċess
[7] Paġ. 133 tal-proċess

imħarrka, sabiex tagħmel xogħol ta' *brackets* u ta' *railings* tat-turġien għall-imsemmi ħanut, bl-isem ta' "*Sylvia*" li jinsab f'Paola Square, Raħal Ġdid. VAWI ntalbet tagħti stima tax-xogħol mitlub u, wara li nħarġet l-istima u ntalab ħlas akkont[8], l-imħarrka bagħtet dak il-ħlas li minnu ngħatat kummissjoni lid-dekoraturi. Rappreżentant ta' VAWI, mbagħad, mar għand l-imħarrka u kejjel fuq il-post ix-xogħol li kellu jsir. L-imħarka ikkonfermat ix-xogħol fatturat[9];

Illi wara li sar l-ewwel xogħol, VAWI tqabbdet direttament mill-imħarrka biex tagħmilha xogħol ieħor fil-ħadid, konsistenti fi grada tal-ħadid, imwejjed u gwarniċi għall-mirja[10]. Il-ħlas tal-bilanċ għax-xogħlijiet beda jitħallas b'rati, iżda mbagħad l-imħarrka waqfet milli tkompli tħallas;

Illi hu u jitqiegħed ix-xogħol fuq il-post xi parti minnu kellha terġa' tinqala' għaliex ma kienx ġej tajjeb, u biċċa minnu spiċċa kellu jerġa' jirfinah żewġ l-imħarrka[11]. Xogħol ieħor li l-imħarrka ordnat ma setax jitwaħħal fil-post[12]. Ix-xogħol kien konsenjat fil-bidu tal-1998. L-imħarrka qabbdet perit biex jara x-xogħol konsenjat u jagħmilha rapport dwaru f'Lulju tal-1998[13];

Illi f'Awissu tal-1998, VAWI interpellat lill-imħarrka b'ittra legali biex tħallas il-bilanċ pretiż. L-imħarrka wieġbet b'ittra legali ftit jiem wara[14]. B'ittra legali oħra mibgħuta f'Ottubru tal-1998[15], VAWI fissret għaliex kienet qiegħda tippretendi l-ħlas fis-somma mitluba. Il-kawża nfetħet f'Mejju tal-1999;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali </u>marbutin mal-każ tal-lum jistrieħu ħafna fuq l-aċċertamenti tekniċi li saru mill-perit imqabbad mill-Qorti. Ix-xhieda f'dan il-każ m'hijiex waħda kopjuża, u l-qofol tal-kwestjonijiet jintrabtu

[8] Dok « RC1 », f'paġ. 90 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Roman Cutajar 7.10.2003, f'paġġ. 87 – 9 tal-proċess
[10] Dok "RC2", f'paġ. 91 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Saviour Grech 6.7.2004, f'paġ. 110 – 1 tal-proċess
[12] Xhieda tal-imħarrka 6.5.2004 u 11.6.2004 f'paġġ. 98 – 9 u 108 – 9 tal-proċess
[13] Dokument f'paġġ. 13 – 6 tal-proċess
[14] Dok f'paġ. 12 tal-proċess
[15] Dok « RC3 », f'paġ. 96 tal-proċess

mal-kwalita' tax-xogħol mogħti u mal-bilanċ li għad fadal x'jitħallas;

Illi f'materja ta' appalt, il-kwestjoni dwar jekk l-appaltatur wettaqx sewwa x-xogħol li tqabbad jagħmel hija kwestjoni ta' siwi ewlieni. Dan għaliex fejn ix-xogħol mogħti, għalkemm jitwettaq, ma jkunx skond ma titlob l-aħjar sengħa, jista' f'ċerti ċirkostanzi jwassal għall-konsegwenza tan-nuqqas tat-twettiq tal-appalt innifsu;

Illi Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[16]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[17];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[18]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[19];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[20]. Huwa magħruf li, fil-kuntratt tal-appalt, l-għaqal mistenni mill-kuntrattur jissarraf f'dak "is-sens ta'

---

[16] Art. 1127 tal-Kap 16
[17] Art. 1130 tal-Kap 16
[18] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[19] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[20] Art. 1132(1) tal-Kap 16

professjonalita' teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni ruħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti"[21];

Illi fid-dawl ta' dan il-kejl ta' mġiba, l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jagħti xogħol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu[22]. B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiża li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[23]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[24]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[25];

Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' appaltatur li x-xogħol mogħti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-aħħar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, saħansitra, ikun reġa' qabbdu jagħmillu xogħol ieħor. Dan jingħad għaliex il-fatt li jsir il-ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull każ jistkenn mix-xilja tat-twettiq ħażin tal-appalt[26];

Illi, madankollu, l-fatt li xogħol mogħti b'appalt ikun fih xi nuqqasijiet ma jwassalx b'daqshekk li l-appaltatur naqas li jwettaq dak li ntrabat għalih u li dak in-nuqqas iqiegħed lill-

[21] App. Ċiv. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***
[22] App. Kumm. **1.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Guillaumier noe vs Borġ Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.438**)
[23] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)
[24] Art. 1133 tal-Kap 16
[25] Art.1134 tal-Kap 16
[26] Per eżempju, ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***

istess appaltatur responsabbli għad-danni lejn il-kommittenti tiegħu[27]. Kemm hu hekk, fejn nuqqasijiet bħal dawn jirriżultaw li m'humiex ta' xejra essenzjali li jivvizzjaw il-kuntratt jew jagħtu lok għall-patt kommissorju, l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat[28]. Hu huwa biss meta tali tiswijiet ma jkunux għadhom jistgħu jsiru aktar li l-kommittent jingħatalu l-jedd li jfittex għad-danni[29];

Illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-lum, ma jistax jingħad li VAWI naqset li twettaq l-appalt mogħti lilha. Fl-ewwel lok, l-appalt kien jikkonsisti f'żewġ ordnijiet separati li twettqu fl-istess żminijiet u maħsuba għall-istess ambjenti. Fit-tieni lok, l-imħarrka stqarret li, dwar ċertu xogħol konsenjat (l-aktar dak li hija nnifisha direttament ordnat mingħand VAWI) ma kellha l-ebda lmenti. Fit-tielet lok, jidher li ż-żewġ dekoraturi li l-imħarrka kienet qabbdet biex isebbħulha l-ħanut mhux biss naqsu milli jagħmlu superviżjoni xierqa hu u jitqiegħed ix-xogħol fil-post, iżda naqsu wkoll li jgħarrfu lil VAWI b'xi tibdiliet fil-bixra tal-post minn dak li kellu jkun fid-dieher, li wasslu biex xi xogħol qagħad ħażin meta tqiegħed fil-post;

Illi, madankollu min-naħa l-oħra, lanqas ma jista' jingħad li x-xogħol kollu konsenjat minn VAWI kien bla nuqqas. Kien hemm nuqqasijiet li setgħu ma sarux jekk intwera iżjed għaqal fit-twettiq tax-xogħol. Dawn in-nuqqasijiet tfissru b'mod ċar u grafiku mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti. Iżda dawn in-nuqqasijiet ma jwasslux għall-inadempiment sħiħ tal-appalt, imma, fl-agħar ipoteżi, għal nuqqas ta' twettiq parzjali. Biex jirrimedja għal dawn in-nuqqasijiet, il-perit tekniku ħa l-kejl ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) bħala skont mill-ammont fatturat għal dak ix-xogħol. Ta' min jirrileva li, mix-xogħol kollu appaltat, kien biss fil-poġġamani tat-taraġ li l-perit tekniku sab tali nuqqasijiet, u ma huwiex eskluż li dan ma kienx għal

[27] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)
[28] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[29] P.A. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.190**)

kollox bi ħtija ta' VAWI. Mill-bqija, l-imħarrka għandha tħallas għax-xogħol l-ieħor kollu ordnat u konsenjat;

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-ħlas li għadu dovut, l-imħarrka tgħid li hi ħallset elf sitt mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija (Lm 1,655)[30] b'kollox lil VAWI. VAWI taqbel ma' dan. Il-bilanċ dovut, għalhekk, jintħalaq mill-kalkoli li wettaq il-perit tekniku. Dawn il-kalkoli la jagħtu raġun lil VAWI u lanqas lill-imħarrka fil-pretensjonijiet rispettivi tagħhom. Il-Qorti sejra tagħżel li toqgħod fuq il-fehmiet tal-perit maħtur minnha, u dan fid-dawl tal-kostatazzjonijiet tekniċi li huwa għamel fir-rapport tiegħu;

Illi meta wieħed iqis il-valur sħiħ tax-xogħol appaltat imwettaq u konsenjat minn VAWI lill-imħarrka (jiġifieri € 4,995.86 kif kalkolati mill-perit tekniku) u jnaqqas minnhom il-ħlasijiet akkont magħmulin mill-imħarrka, jasal biex jillikwida l-bilanċ li VAWI għad fadlilha titħallas mingħandha fis-somma ta' elf mija u erbgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 1,140.75);

Illi għal dak li jirrigwarda l-imgħaxijiet mitluba minn VAWI, l-Qorti sejra tqis li dawn għandhom jibdew jgħaddu minn dak inhar li l-imħarrka laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Qiegħda tieħu dan il-kejl għaliex għalkemm l-istess imħarrka kienet tistqarr li kienet debitriċi ta' VAWI f'ammont inqas minn dak pretiż minn VAWI, ma wettqet l-ebda depożitu b'ċedola tal-ammont mistqarr;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba** u dan fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament, billi tikkundanna lill-imħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elf mija u erbgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 1,140.75), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta'

---

[30] Li jġibu € 3,855.11 fi flus tal-lum

ħadid ordnat mill-istess imħarrka u lilha konsenjat, u b'hekk ukoll **tilqa' limitatament l-eċċezzjoni tal-istess imħarrka**;

**Tordna** li fuq l-imsemmija somma għandu jgħaddi mgħax legali b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------